MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR. HAYMAN MIRIAM LL.D.

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2002

Numru 895/2002

**Il-Pulizija**
**(Sp. Mario Tonna)**
**(Sp. Sandro Zarb)**

**vs**

**Osama Ali Ammosh Dardor ta' 18 sena, iben Ali u Helia, residenti Apt. Nru. 8, Triq Wilga, Paceville, San Giljan, Detentur ta' passaport numru H390470**

**Illum 13 ta' Novembru, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Osama Ali Ammosh Dardor li gie akkuzat talli nhar is-27 ta' Ottubru, 2002 bejn ghall-habta ta' 1.00 a.m. gewwa Triq San Gorg, San Giljan hebb sabiex jingurja u jaghmel hsara ufficjali pubblici tal-korp tal-pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom barra li heddidhom bi kliem u b'gest sabiex jinfluwixxi fuqhom jew ibezzaghhom milli jaghmlu l-qadi ta' dmirijiethom u cioe fuq il-persuni ta' PC 601 J. Spiteri u PC 1 J. Busuttil.

U aktar fl-istess data, lok u cirkostanzi waqt li kien qieghed mizmum taht detenzjoni gewwa Triq San Gorg taht il-kustodja ta' PC 601 J. Spiteri u PC 1 J. Busuttil harab mill-kustodja tal-pulizija u dan ai terminu tal-artikolu 151 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data, hin, taht l-istess cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fuq vettura MIX013 a detriment ta' Michelle Chetcuti liema hsara teccedi l-ghaxar (Lm10) Maltin izda ma teccedix l-hamsin lira (LM 50) Maltin u dan ai terminu tal-artikolu 325 ( c ) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli nhar is-27 ta' Ottubru, 2002 ghall-habta ta' 10.30 a.m. gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan ittanta li jikkorrompi membri tal-Korp tal-Pulizija u cioe lill-Ispettur Mario Tonna, lill-WPC 219 G. Francalanza u lil PC 885 G. Portelli billi waqt li kien qed jigi investigat fuq reati offra ghal diversi drabi 'arlogg tal-idejn' u anke flus u dan ai terminu tal-artikolu 120 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli nhar is-27 ta' Ottubru, 2002 bejn il-10.30 a.m. u 1.00 p.m. gewwa l-ghassa ta' San Giljan, bil-hsieb li taghmel hsara lill-imsemmija ufficjali pubblici tal-Korp tal-Pulizija akkuzat quddiem awtorita' kompetenti b'reat filwaqt li kien jaf li dawk il-persuni huma innocenti u dan ai terminu tal-artikolu 101 (1a) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli nhar is-27 ta’ Ottubru, 2002 bejn il-10.30 u 1.00 p.m. gewwa l-Ghassa ta’ San Giljan iddenunzja reat li jaf li ma sarx jew inkella b’qerq holoq tracci kontra l-Ispettur Mario Tonna u ufficjali ohra tal-Korp tal-Pulizija Ezekuttiva, ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan ai termini tal-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli nhar is-27 ta’ Ottubru, 2002 bejn l-10.30 u 1.00 p.m. bil-hsieb li jtellef jew inaqqas, il-gieh ta’ l-Ispettur Mario Tonna weggghu bi kliem u dan ai termini tal-artikoli 252 (1) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti hija mitluba sabiex minbarra li taghti l-piena stabbilita skond il-ligi tiddikjara lill-imsemmi immigrant ipprojbit u tohrog ordni ta’ tnehhija kontra tieghu skond l-artikoli 5(2A) u 15 tal-Kapitolu 217 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Semghet lill-akkuzat jghid li gie notifikat bl-akkuza kif korretta.

Rat il-fedina penali ta’ l-akkuzat.

Tqisu hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu wara li rat l-art 96, 95, 151, 325, 120 (2), 101, 110, 252 u 17 ilkoll tal-Kap 9, rat l-Art 28A u 28 B ta’ l-imsemmi Kap, qeghda b’applikazzjoni ta’ l-imsemmi art testendi s-sentenza sospiza b’dan illi qed tikkundannah sena habs sospizi ghal sentejn.

Rat l-art 5 (2A) u 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta u tiddikjarah bhala immigrant ipprojbit u tohrog kontra tieghu ordni ta’ tnehhija b’effett immedjat. Tordna wkoll il-

konfiska tad-dokumenti esebiti bhala Dok PS 1 u Dok PS2.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.